MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 236/2008

**A sive B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A sive B C, fejn dan wara li ppremetta:

Illi l-esponent u l-konvenut izzewgu fit-18 ta' Frar, 1989 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. 'A') meta l-attur kellu dsatax-il sena u l-konvenuta kellha sbatax-il sena.

Illi l-kontendenti kienu ltaqghu flimkien fil-bandli tal-Gudja u wara korteggjament qasir izzewgu wara li l-konvenuta harget tqila mill-attur.

Illi la l-attur u lanqas il-konvenuta qatt ma kienu f’relazzjoni serja ma’ xi persuna ohra qabel.

Illi l-kontendenti zzewgu unikament minhabba f’dan il-fatt illi l-konvenuta kienet harget tqila, u anke ghaliex il-konvenuta kellha biza’ riverenzjali minn missierha illi kien diga’ kecca l-barra mid-dar lil ohtha l-kbira meta din kienet harget tqila barra z-zwieg.

Illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga u kienu ghadhom it-tnejn immaturi wisq ghall-pass taz-zwieg.

Illi fill-fatt il-kontendenti kienu zzewgu f’eta’ zghira hafna, bla preparattivi ta’ xejn u bil-ghagla minhabba fic-cirkostanzi tal-konvenuta.

Illi fir-realta’ iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fic-cirkostanzi ottenenti dak iz-zmien jippekka minn diversi elementi fundamentali illi jikkostitwixxu l-pilastri tal-istituzzjoni taz-zwieg, u ghalhekk huwa ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, u ghalhekk huwa wiehed null u bla effett.

Illi l-kontendenti ghandhom hamest itfal u huma legalment separati.

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Frar 1989 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod generali u b’mod partikolari ai termini tal-paragrafi (a) u/jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-esponent qed jikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti kollha kif kontenuti f’dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Frar 1989 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (a) u/jew (d) u/jew (f) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti li jgib in-numru *omissis*.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, il-konvenuta ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi, kif kellhom diversi drabi okkazzjoni itennu dawn il-Qrati:

F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.” (“**Anna Tonna vs Alexander Tonna**” deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

Il-Qorti ghalhekk, xorta wahda hija mghobbija bil-piz, tal-evalwazzjoni tal-provi f’materja ta’ din is-serjeta’.

Il-provi f'din il-kawza huma verament ftit. Ir-rikorrenti pprezenta affidavit tieghu u ta' huh u l-intimata xehedet viva voce. Irrizulta minn dawn il-ftit provi li l-istorja ta' dan iz-zwieg kienet wahda pjuttost semplici u komuni. Il-partijiet bdew jinnamraw meta kienu ghadhom zghar. It-tfajla wara xi zmien harget tqila. Bezghet tghid lil tal-familja.

Il-partijiet iddecidew li jizzewgu malajr. Fil-fatt hekk ghamlu bl-ghajnuna pjuttost riluttanti tal-genituri taghhom. Il-genituri ta' l-gharusa ma gewx mgharrfa bit-tqala. Iz-zwieg spicca sfaxxa. Issa l-istess ragel qed jallega li l-unika raguni ghaliex izzewgu kienet il-biza' li jghidu lil missierha. Dan kollu hu konfermat mill-affidavit tar-rikorrent u ma gie kontradett bl-ebda mod mill-intimata fix-xhieda taghha.

Fid-dawl ta' dawn il-Qrati, f'din il-materja tul is-snin, l-insenjament, il-Qorti tikkonsidra zewg fatturi li huma ta' importanza f'dan il-kaz partikolari. L-ewwel huwa l-fatt li xi xhur qabel harget tqila l-intimata kien gralha l-istess ohtha u konsegwentement inqala' hafna inkwiet fil-familja u l-missier spicca kecca lil bintu mid-dar. B'dana, ghalhekk, il-partijiet kellhom ezempju preciz ta' x'seta' jigri lilhom kieku qalu lill-genituri taghha. L-intimata tghid fix-xhieda li, kieku kellu jkecciha mid-dar missierha, hi ma kienx ikollha fejn tmur ghaliex ma omm l-gharus ma kellhiex relazzjoni tajba.

Li jkompli jgieghel lill-Qorti tapprezza li fil-fatt l-element ta' biza' kien reali hu l-fatt li finalment, il-genituri tal-gharusa baqghu ma jafux li binthom tqila sa wara t-tieg. Dan il-fatt il-Qorti taghtih piz.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti tinsab sodisfatta li fil-mument li tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg kien jezisti biza' fl-intimata.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta’ Frar 1989 huwa null u bla effett. Il-Qorti tilqa’ ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------